MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2403/1998/1

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raphael Attard sija bil-polza sija bil-ligi**
**Vs**
**Antoinette mart Dr.Raymond Zammit u l-istess Dr.Raymond Zammit ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi fit-13 ta' April 1997, f' St. Paul's Str., Naxxar waqt li Raphael Attard, li hu assikurat 'comprehensive' mal-attur nomine, kien qieghed isuq il-vettura numru TAG 111, hu gie milqut mill-vettura numru O-0974 misjuqa mill-konvenuta u ikkagunatlu danni.

U billi dan l-incident stradali gara minhabba imperitia, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

U billi b'rizultat ta' dan l-incident stradali l-attur nomine sborza a favur tal-assikurat tieghu s-somma ta' sitt elef tlett mija u disa' liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (LM 6309.45c) kwantu ghal LM 6,300 kif jirrizulta mill-anness Dok. RA kwantu ghal LM 3.45c skond kif jirrizulta mill-anness Dok. RA2 u kwantu ghal LM 6 'survey fees'.

U billi l-konvenuti gew interpellati biex ihallsu dawn id-danni izda baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarhom unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara fit-13 ta' April 1997.
2. Tillikwida id-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' sitt elef tlett mija u disa' liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (LM6309.45c) in linea ta' danni b'rizultat tal-incident stradali fuq riferit.
3. Tikkundannhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' sitt elef tlett mija u disa' liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (LM6309.45c) in linea ta' danni b'rizultat tal-incident stradali fuq riferit.

Bl-imghaxijiet legali minn notifika tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 1998 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 1998 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. In linea preliminari – isem il-konvenut mhux korrett billi l-eccipjenti Antoinette Zammit hija mizzewwga lit-Tabib Dottor Raymond Zammit. Ghalhekk trid issir il-korrezzjoni opportuna.
2. Ukoll in linea preliminari, u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ir-ragel tal-eccipjenti Antoinette Zammit

ma kienx involut fl-incident stradali in esami u ghalhekk la jista' jigi ritenut responsabbli ghall-istess incident u lanqas kundannat ihallas danni lis-socjeta' attrici. Ghaldaqstant ir-ragel tal-eccipjenti Antoinette Zammit ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Bla pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni, ir-responsabilita' tal-eccipjenti Antoinette Zammit ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni kienet ammessa qabel is-socjeta' attrici intavolat din il-kawza. Ghalhekk l-ewwel talba saret inutilment u konsegwentement l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu spejjes fir-rigward ta' din it-talba.

4. Illi qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti ta' l-eccipjenti jew l-assikurazzjoni taghhom li favur l-assikurat tas-socjeta' attrici ssir likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu attwalment u realment subiti.

5. Illi d-danni pretizi mis-socjeta' attrici huma esagerati ghax imorru ben oltre id-danni attwalment u materjalment subiti mill-assikurat bhala konsegwenza tal-incident de quo.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Peter Bonello minnu mahluf fl-17 ta' Ottubru 2003;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat

Illi l-kawza tikkoncerna incident li sehh f' St.Paul's Str.Naxxar fit-13 ta' April 1997, meta Raphael Attard, l-assigurat mas-socjeta' attrici, kien qed isuq il-vettura numru TAG III hu gie milqut mill-vettura numru 0-0974 misuqa mill-konvenuta, bil-konsegwenza li l-vettura TAG III sofriet danni.

Illi s-socjeta' attrici hallset lill-assigurat taghha s-somma ta' Lm6,300 in linea ta' danni kif indikat mill-attur fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu u kif jirrizulta mid-dokument RA [fol.8] hemm anness.

Illi f' dan il-kaz ma kienx hemm kontestazzjoni dwar ir-responsabbilita' ghall-incident da parti tal-konvenuta Antoinette Zammi, izda l-ammont imsemmi ta' Lm6,309.45 pretiz mis-socjeta' attrici qed jigi kontestat stante li "d-danni pretizi mis-socjeta' attrici huma esagerati ghax imorru ben oltre d-danni attwalment u materjalment subiti mill-assikurat .." [fol.15].

Illi ghalhekk il-provi f' din il-kawza gew limitati ghal likwidazzjoni tad-danni subiti minn Raphael Attard fuq il-vettura tieghu u li ghandhom jithallsu mill-konvenuta.

Illi l-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu kkonkluda " illi l-vann [TAG III] seta' jissewwa bis-somma ta' Lm5,050 u cioe' elf u mitejn lira maltin [Lm1,200] anqas" [Fol.53].

Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma gusitifikati fl-ammont ta' Lm5,050 oltre Lm9.45 spejjez tar-rapport u survey fees[1]; u li dan l-ammont ghandu jithallas mill-konvenuta. Il-konvenut Dr.Raymond Zammit minn naha tieghu ma kienx involut fl-incident.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi: [1] tillibera lill-konvenut Dr.Raymond Zammit mill-osservanza tal-gudizzju – bl-ispejjez kontra l-attrici; [2] fil-konfront tal-konvenuta Antoinette Zammit, previa rigett in parte tal-eccezzjonijiet taghha, tilqa' t-talbiet attrici u ghall-fini tat-tieni talba tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici rizultat ta'l-incident fuq indikat fis-somma ta' **hamest elef, disa u hamsin lira maltin u hamsa u erbghin centemzu [Lm5,059.45c]** u tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta' attrici din is-somma ta' Lm5,059.45 bl-imghax legali kif mitlub. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal-sest [1/6] mis-socjeta' attrici, u r-rimanenti hamsa minn sitta [5/6] jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

[1] L-ispejjez tar-rapport jirrizulta mid-Dok.R2 filwaqt li l-ammont tas-survey fees apparti milli jidher li hu verosimili ma giex kontestat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------